**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 13 ta' Marzu, 2001**

**Numru**

**Avviz. numru 1768/00JR**

**Anthony Schembri**

**vs**

**Ivan Vassallo**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Ottubru, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250.00) rapprezentanti hsarat ikkawzati fil-vettura proprjeta` ta' l-attur meta l-konvenut bil-vettura Morris Marina numru ta' registrazzjoni JAI-416 laqat il-vettura Mirsubishi Lancer numru ta' registrazzjoni JAN-938 f'Valley Road, Msida, fit-23 ta' Frar, 2000.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fl-1 ta' Novembru, 2000, fejn intqal illi kif jidher car mir-rapport tal-Pulizija (Dok.A) l-habta giet kawzata bhala konsegwenza ta' l-agir ta' l-attur u ghaldaqstant il-konvenut mhuwiex responsabbli ghall-hlas tal-hsarat kawzati minn tali habta.**

**Semgha x-xhieda ta' P.S.1373 John Micallef, Anthony Schembri, P.C.1009 John Cassar, Ivan Vassallo, u Kevin Grech. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Il-kaz jirrigwarda kollizzjoni li grat f'Valley Road, Msida, f'dik il-parti wara li taqbez l-Ghajn tal-Hasselin, precizament hdejn il-"bus stop" li tinsab fuq ix-xellug tat-triq fid-direzzjoni ta' Birkirkara. Il-vetturi involuti fil-kollizzjoni kienu il-vettura numru ta' registrazzjoni JAN-938 misjuqa mill-attur, u l-vettura numru ta' registrazzjoni JAI-416 tal-konvenut.**
2. **L-attur jghid li waqt li ghaddejn minn hemm, fsalt u minghajr ma ghamel sinjal, minn hdejn il-"bus stop" hareg il-konvenut. L-attur ibbrejkja u gibed il-barra. L-attur cahad dak li nizzel is-Surgent fir-rapport dwar il-habta.**
3. **Dwar ir-rapport tas-Surgent ghandu jinghad illi jirrizulta li dan ir-rapport ma sarx biss mis-Surgent izda mill-kuntistabbli wkoll. Jirrizulta mix-xhieda ta' l-istess Surgent li r-rapport kien bdieh hu pero` komplieh l-kuntistabbli, liema kuntistabbli ma kienx mar fuq il-post ta' l-incident. Jirrizuulta wkoll li**

**l-versjoni tal-partijiet tnizzlet fl-Ghassa fuq il-compter, u dawn iffirmawha. Pero` jirrizulta li ftit tal-hin wara, dak in-nhar stess, l-attur mar l-Ghassa biex jinnota li dak li kien tnizzel ma kienx korrett. Ma hemmx dubbju li l-attur kien fi dmiru li joqghod attent qabel ma jiffirma dak id-dokument. Pero` t-Tribunal ma jistghax jattribwixxi lill-tali dokument ebda validita` ghall-fini ta' prova, specjalment ghall-mod kif ittiehed.**

4. **Jirrizulta li bhala konsegwenza tal-kollizzjoni l-attur kellhu hsarat bejn l-indicator u l-"mudguard" ta' quddiem in-naha tax-xellug.**
5. **Il-konvenut jammetti li kien parkeggjat fejn hemm il-"bus stop" u li kien angolat il-barra hafna, f'dik il-parti d-dejqa tat-triq wara li tghaddi l-Ghajn tal-Hasselin. Pero` il-konvenut qed jattribbwixxi it-tort lill-attur u jghid li kien gej truck minn faccata, u kien hemm karrozza qed taqbez dan it-truck, gejja "head on" ghall ma' l-attur, u dan biex jevita habat fil-konvenut.**
6. **Tela jixhed Kevin Grexh li kien passiggier mal-konvenut. It-Tribunal jinnota li Grech, b'oppost ghall-dak li xehed l-istess konvenut, qal li kienu ipparkjati tajjeb, u li ma jiftakarx li kienu pparkjati f'"bus stop". Jghid ukoll li ma kienux angolati, u li minghalih sar sketch. It-Tribunal qed jiskarta id-deposizzjoni ta' Grech bhala mhux veritiera.**
7. **Ma kienx hemm qbil dwar jekk wara l-habta l-karrozzi ccaqalqux, pero` l-fatt li ma sarx sketch jindika li dawn kienu fil-fatt iccaqalqu.**
8. **Minn valutazzjoni tal-fatti ma tirrizultax l-allegazzjoni tal-konvenut li l-attur ghamel xi manuvra evasiva, wisq anqas jirrizulta li kien hemm xi karrozza qed taqbez lill xi truck. Inoltre jirrizulta li l-konvenut kien parkeggjat b'mod**

**perikoluz, proprju f'parti dejqa tat-triq, u di piu` quddiem "bus stop". Il-konvenut kien parkeggjat angolat hafna. Ma jirrizultax li l-attur kiser ghall-fuq il-konvenut. Mir-ritratti esebiti jirrizulta li l-attur kien gja beda jaqbez il-vettura tal-konvenut meta sehh l-incident, ghalhekk necessarjament kien il-konvenut li iccaqlaq dak il-hin u dahal fl-attur. Il-kawza ta' l-incident kienet proprju minhabba dik il-ponta tal-karrozza tal-konvenut li kienet qed tisporgi u tikkawza perikolu, kif ukoll li l-konvenut iccaqlaq fsalt meta kien ghaddej l-attur.**

9. **Bhala danni dawna jirrizultaw mid-Dok.As1 sa AS3, fl-ammont ta' tlett mija tleita u erbghin lira Maltija (Lm343.00), li ghall-fini ta' kompetenza b'verbal tal-15 ta' Frar, 2001, irriduca ghall-mitejkn u hamsin lira Maltija (Lm250.00)**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, in kwantu ghall-incident in kwistjoni kien jahti unikament il-konvenut, it-Tribunal qed jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas in linea ta' danni lill-attur is-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250.00).**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**

**GUDIKATUR**